



## ID-DRITT TIEGĦEK LI TIĊĊAQLAQ LIBERAMENT MADWAR L-UE

Sa mill-1968, kull ħaddiem tal-UE għandu d-dritt li jaħdem fi Stat Membru ieħor mingħajr ma ssir diskriminazzjoni miegħu fuq il-bażi tan-nazzjonalità.

Pereżempju:

- Inti tista' taħdem fi Stat Membru ieħor, tgħix hemmhekk għal dak il-għan u tibqa' hemm meta tirtira;
- Inti tista' tftitex impjieg fi Stat Membru ieħor u tikseb assistenża biex tagħmel dan mill-uffiċċji tax-xogħol lokali;
- Inti intitolat/a li jkollok l-istess kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol bħaċ-ċittadini nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun qiegħed/qiegħda taħdem;
- Inti u l-familja tiegħektgawdu l-istess vantaġġi soċjali u tat-taxxa bħaċ-ċittadini nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun qiegħed/qiegħda taħdem, pereżempju, fir-rigward tal-għotjiet ta' manteniment għall-istudenti;
- Jistgħu jiġu applikati arranġamenti tranżizzjonali għal ħaddiema li jkunu ġejjin minn Stati Membri ġodda u għall-membri tal-familja tagħhom.

GĦAL AKTAR TAGĦRIF:

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=25&langId=mt>

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=26&langId=mt>

Il-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa

<http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=509&langId=mt>

Europe Direct

<http://ec.europa.eu/europedirect>

Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

[Publications.europa.eu](http://Publications.europa.eu)

KE-78-09-675-MT-D



# SEJER TMUR TGĦIX FL-UNJONI EWROPEA, FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA U FL-IŻVIZZERA?

## TGĦALLEM DWAR ID-DRITTIJET TIEGĦEK! →



Il-Kummissjoni Ewropea



## QIEGĦED TAĦSEB BIEX TMUR TGĦIX FL-UE, FIŻ-ŻEE U FL-IŻVIZZERA?

Meta tivvjaġġa fi ħdan l-UE, jistgħu jiġuk f'moħħok mistoqsijiet bħal:

- Liema Stat Membru jiġbor il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tiegħi?
- X'jiġri mill-pensjoni tax-xjuħija tiegħi meta nkun ħdimt f'aktar minn Stat Membru wieħed?
- Nista' nuża l-assigurazzjoni tas-saħħa tiegħi meta nivvjaġġa barra l-pajjiż?
- Jiena impjegat/a. Għandi dritt għall-istess beneficiċċji bħaċ-ċittadini nazzjonali ta' dan l-Istat Membru? It-tfal tiegħi jistgħu jgawdu mill-istess għotjiet ta' manteniment għall-istudenti bħat-tfal ta' dan l-Istat Membru?
- Nista' mmur fi Stat Membru ieħor biex infittex impjieg?

## L-ASSIGURAZZJONI TAL-BENEFIĊĊJI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI TIEGĦEK



L-Istati Membri għandhom l-iskemi tagħhom tas-sigurtà soċjali nazzjonali u tal-kura tas-saħħa, iżda r-Regolamenti tal-UE jistabbilixxu regoli li jikkordinaw l-iskemi differenti. Dan jassigura li n-nies li jiċċaqilqu bejn Stat Membru u ieħor ma jkunux fi żvantaġġ fir-rigward tas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa.

Biex nieħdu eżempju, bħala ċittadin tal-UE:

- Inti tħallas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fi Stat Membru wieħed biss fi żmien partikolari;
- Jekk inti ħdimt f'aktar minn Stat Membru wieħed (għal mill-inqas sena), allura fil-kalkolazzjoni tal-pensjoni tax-xjuħija tiegħek, kull Stat Membru għandu jqis il-ħajja tax-xogħol kollha tiegħek u jħallsek pensjoni tax-xjuħija li tkun tikkorrispondi għar-rekord tal-assigurazzjoni tiegħek f'dak il-pajjiż;
- Diment li tkun assigurat f'pajjiżek, inti tkun kopert għal kura tas-saħħa li jista' jkollok bżonn meta tiġi biex tivvjaġġa fi kwalunkwe wieħed mill-31 pajjiż Ewropew permezz tal-EHIC (European Health Insurance Card - Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa) tiegħek;
- Jekk tmur biex tfittex ix-xogħol fi Stat Membru ieħor, l-Istat fejn kellek l-aħħar impjieg għandu jagħtik il-beneficiċċju tal-qgħad tiegħek fl-Istat l-ieħor għal perjodu ta' mill-inqas tliet xhur.



## KOORDINAZZJONI AĦJAR TAS-SIGURTÀ SOĊJALI BĦALA GĦAJNUNA GĦALIK

Fil-bidu tal-2010 sejjer jidħol fis-seħħ sett ġdid u mtejjeb ta' regoli ta' koordinazzjoni li jassiguraw id-drittijiet tiegħek għas-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa meta tivvjaġġa fl-UE, fiż-ŻEE u fl-Iżvizzera.

Il-prinċipji bażiċi tal-koordinazzjoni mhumiex sejrin jinbidlu, iżda r-regoli l-ġodda sejrin:

- Jestendu l-firxa tad-drittijiet koperti mis-sistema tal-koordinazzjoni;
- Jimponu dover ġdid fuq l-istituzzjonijiet tas-sigurtà soċjali nazzjonali biex jgħarrfu u jassistu liċ-ċittadini fir-rigward tad-drittijiet tagħhom taħt is-sistema ta' koordinazzjoni; u
- Itejbu l-koordinazzjoni bi skambju elettroniku ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, li twassal għal deċiżjonijiet u ħlasijiet lilek aktar malajr, b'mod aktar ġust u b'mod aktar effiċjenti.